# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum, l-Erbgħa 5 ta' Ġunju, 2024.

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 123/2022 ISB**

**Av. Kirsten Debono Huskinson (I.D. 403188M) bħala mandatarja ta' Condesa Limited, kumpanija reġistrata fl-Isvizzera (numru ta' reġistrazzjoni CHE.112.169.468) bl-indirizz Obere Wiltisgasse 48 8700 Kusnacht, Svizzera**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **<u>ir-rikors</u>** tar-rikorrenti noe. l-**Av. Kirsten Debono Huskinson**, intavolat fis-7 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:-

*tordna li isem is-soċjetà Oceaneering Limited (li kellha numru ta' reġistrazzjoni C 65890) jerġa' jidħol fir-reġistru, u dan skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 9(4) tal-Liġi Sussigjarja 386.19.*

U dan wara li ppremettiet:

1. *Illi s-soċjetà Oceaneering Limited ("**Oceaneering**") kienet ġiet irreġistrata fil-11 ta' Awissu 2014, bin-numru C 65890 u kellha l-uffiċju reġistrat f'4th Floor, Avantech Building, St Julian's Road, San Gwann SGN2805. Kopja ta' estratt mis-sit tar-Reġistratur tal-Kumpanniji li juri d-data ta' reġistrazzjoni ta' Oceaneering hawn annessa u mmarkata 'Dok.2'.*
2. *Is-soċjetà Condesa Limited kellha l-ishma kollha, għajr wieħed, f'Oceaneering Limited.*
3. *Oceaneering ġiet imħassra minn fuq ir-Reġistru b'effett mid-19 ta' Mejju 2021 (ara 'Dok.2' hawn anness). Il-perjodu ta' ħames snin stipulat fl-artikolu 325(4) tal-Kap.386 għadu ma ddekorrix.*
4. *Ir-rikorrenti ma kenitx taf li Oceaneering kienet ser titħassar minn fuq ir-reġistru.*
5. *Oceaneering bħala attiv kellha dgħajsa (vide kopja taċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat 'Dok.3') kif ukoll flus fil-bank.*
6. *Jekk Oceaneering ma terġax titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, ir-rikorrenti ser issofri danni u dan billi l-assi tal-istess soċjetà ser jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta.*
7. *Ir-rikorrenti hija lesta li tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni ta' Oceaneeering fir-rigward ta'*

*kwalunkwe dokumenti li għandhom jiġu sottomessi ai termini tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta). Fil-fatt, ir-rikorrenti diġa' bdiet tagħmel dak li huwa meħtieġ sabiex tiġi ppreparata d-dokumentazzjoni meħtieġa.*

8. *Ir-rikorrent tissottometti illi l-isem tal-kumpannija għandu jerġa jidħol fir-reġistru sabiex Oceaneering tkun tista' terġa tiħu pussess tal-attiv tagħha.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 8).

Rat **id-digriet** tagħha tat-2 ta' Jannar 2023 u li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-22 ta' Frar 2023 fil-11:00 a.m.

Rat in-nota tar-rikorrenti noe. intavolat fit-2 ta' Frar 2023 (fol 13) li permezz tagħha ppreżentat affidavit ta' **Silvia Katsching** b'dokumenti annessi (fol 14 sa fol 21).

Rat illi fit-13 ta' Frar 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 22) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija surreferita fir-rikors promotur, Oceaneering Limited (C 65890) kienet giet registrata fuq ir-Registru tal-Kumpaniji ("Registru"), fil-11 ta' Awissu 2014;*

*Illi fiz-zmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpanija naqset mill-obbligi taghha illi tibghat l-informazzioni dwar is-sidien beneficiarji taghha, bi ksur tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, kif ukoll kontijiet u prospetti annwali lir-Registratur ghar-registrazzioni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji, tant illi l-ahhar prospett annwali sottomess kien dak tas-sena 2017, filwaqt li ebda kont annwali ma gie sottomess;*

*Illi l-istess kumpanija kienet ilha wkoll numru ta' snin minghajr ebda segretarju tal-kumpanija, tant illi l-ahhar tibdil ta' dan l-ufficjal sar fis-sena 2017, meta r-Registratur gie notifikat illi kien hemm ir-rizenja tal-istess segretarju tal-kumpanija, liema pozizzioni bagghet vakanti sakemm il-kumpanija damet fuq ir-Registru, bi ksur tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi tali nuggasijiet kienu ragunijiet bizzejjed sabiex l-esponent Registratur jipprocedi skond il-poteri moghtija lilha taht ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Registratur procediet sabiex tikteb lill-kumpanija biex tavza illi l-kumpanija kienet ghadha qatt ma ssottomettiet l-informazzioni dwar is-sidien beneficcarji taghha;*

*Illi r-Registratur baghtet avviz permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq -indirzz registrat taghha li kien 4th Floor, Avantech Building, St. Julian's Road, San Gwann SGN 2805 u kif ukoll lill-unika direttur taghha fug l-indirizz 5, Obstgartenstrasse, Erlenbach, 8703,Switzerland, datati l-11 ta' Jannar 2021;*

*Illi fdawn littri l-kumpanija u direttur taghha gew infurmati illi la darba kienu ilhom snin jongsu mill-obbligi taghhom skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, f'kaz illi ma jwegbux l-ewwel ittra fi zmien xahar u t-tieni ittra fi zmien tliet xhur, ir-Registratur kienet se tkompli bil-process ta' thassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-19 ta' Frar 2021, inharget pubblikazzioni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wiehed fost ohrajn illi kien ser jigi mnehhi minn fuq ir-Registru fi zmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oggezzioni ghal dan;*

*Illi ta' min jigi rrimarkat kif is-socjeta surreferita Oceaneering Limited jew xi azzjonist taghha qatt ma oggezzionaw ghal tali process matul il-perjodu ta' tliet hur provut mir-Registratur ghal-gid ta' kull min seta' qatt kellu interess jaghmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Registratur bagghet qatt ma rciviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti minghand il-kumpanija u ghaldaqstant fid-19 ta' Mejju 2021, li jahbat tliet xhur mill-pubblikazzioni msemmija hawn fuq, l-esponenti harget avviz fuq website mizmuma minnu fejn gie avzat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien gie mhassar minn fuq ir-Registru;*

*Illi r-rikors qieghed isir fiz-zmien il-hames snin mill-pubblikazzioni tal-avviz tat-thassir u ghalhekk ghadu fiz-zmien stipulat mil-ligi;*

*Illi l-pagamenti pendenti fuq nuqgas ta' registrazzioni ta' prospetti annwali ghar-rigward tas-socjeta' Oceaneering Limited jammontaw ghal EUR 766 u l-penali fuq nuggas ta' registrar ta' dawn il-prospetti u kif ukoll tal-informazzioni dwar is-sidien beneficcjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw ghal EUR 13,414.50, biex b'hekk l-ammont totali dovut a kreditu tar-Registratur jammonta ghal EUR 14,180.50 sad-data tar-rikors promotur;*

*Illi l-kumpanija, flimkien mad-direttur taghha, jibaghu jinkorru dawk il-penali li jirrizultaw mil-ligi sakemm tali dokumentazzioni u informazzioni necessarja tigi ssottomessa lir-Registratur;*

*Illi fir-rigward tal-penali, is-subregolament 6 tal-istess regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun thassar minn fug ir-Registru, ir-responsabbilita' ta' kull ufficjal u membru tal-kumpanija ghandha tkompli u tista' tigi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt thassar minn fuq ir-Registru;*

*Illi apparti minn dan, il-kumpanija Oceaneering Limited ma tistax terga tigi mahhla fug ir-Registru skont l-artikolu 325(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji kif specifikat fir-rikors promotur, imma skont ir-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations ghaliex taht dan ir-regolament giet mhassra tali kumpanija;*

*Illi filwaqt illi r-Registratur jixtieq jissolleva illi jekk l-isem tal-kumpanija Oceaneering Limited jerga' jitpogga fuq ir-Registru, tali kumpanija ghandha tissottometti d-dokumentazzioni kollha mentiega (inkluz il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jigu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Registratur qieghed umilment jissolleva ukoll illi gieghed ihalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jigu maghrufin il-passi illi ghandhom jittiehdu min-naha tagha sabiex il-pozizzioni tal-kumpanija in kwistjoni tigi rattifikata;*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti qieghda umilment tikkonferma li hija lesta li toqghod ghal kull direzzioni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierga u opportuni fic-cirkostanzi partikulari ta' dan il-kaz, sabiex r-Registratur ma tispiccax b'kumpaniji fuq ir-Registru ghal zmien indefinit li m'humiex in regola mal-Att jew ligijiet sussidjarja taghha.*

*Bl-ispejjez.*

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' April 2024, dehru l-Avukati Francesca Galea Cavalazzi u Stefania De Gabriele għar-rikorrenti noe. u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-22 ta' April 2024, id-difensur tar-Reġistratur intimat infurmat lill-Qorti illi d-dokumentazzjoni illi kienet sottomessa mis-soċjetà rikorrenti kienet tissodisfa lir-Reġistratur intimat, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti *ai termini* tar-**Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19**, u li permezz tagħha, is-soċjetà rikorrenti, li hija azzjonista tal-kumpanija **Oceaneering Limited (C 65890)**, qed titlob ir-rivavviment tal-istess kumpanija, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fid-19 ta' Mejju 2021.

Illi, f'dan il-kuntest, is-soċjetà rikorrenti għandha kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li l-kumpanija għandha dgħajsa f'isimha, kif ukoll flus fil-bank, li jekk kemm-il darba ma tiġix ravvivata ser jgħaddu għand il-Gvern ta' Malta.

Illi s-soċjetà rikorrenti ddikjarat mill-bidu illi hija kienet lesta li tieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Oceaneering Limited.

Fl-affidavit tagħha, **Silvia Daniele Katsching** tgħid li hija l-President tal-Bord tad-Diretturi tas-soċjetà rikorrenti. Tispjega li l-kumpanija Oceaneering Limited ġiet inkorporata f'Malta fil-11 ta' Awwissu 2014 meta ġiet ittrasferita mill-Isle of Man u fid-19 ta' Mejju 2021 ġiet mħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u tispjega li hi ma kinitx taf b'dan. Tispjega li l-kumpanija kellha assi f'isimha li jikkonsistu f'*yacht* kif ukoll fi flus kontanti fil-bank.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tagħha *ai termini* tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations*.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għaddha mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-**Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations***[1] , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija **Oceaneering Limited (C 65890)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità tar-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimata. F'dan il-każ, is-soċjetà rikorrenti żammet kelmitha u l-promessa magħmula mill-istess soċjetà

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

rikorrenti inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha fir-rigward tal-Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations* kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 u kif ukoll tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Sussidjarja 386.19 kif hawn fuq ċitat u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun xieraq illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti noe. u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jiddaħħal l-isem ta' **Oceaneering Limited (C 65890)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex twettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Oceaneering Limited (C 65890)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi tista' tinkorri r-Reġistratur intimat sabiex tirrestitwixxi isem il-kumpanija **Oceaneering Limited (C 65890)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji jkunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti.

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |